


# 100 Sena mill-Kompożizzjoni tal-Innu ta' Malta Gwerriera

**Bernard Cutajar**

Din is-sena ser tkun il-mitt sena minn meta ġie rregalat lill-Banda Sant'Andrija l-Innu ta' Malta Gwerriera. Kien propju f'Settembru ta' 1919 li Mro. Vincenzo Caruana Spiteri lesta dan l-Innu sabiex jindaqq għall-Festa f'Novembru.

Il-Banda Sant'Andrija għadha ddoqq dan l-Innu kull sena fil-marċ tal-Festa meta l-istatwa ta' Malta Gwerriera titla' fuq il-pedestall. Kellhom jgħaddu 33 sena minn meta saret l-Istatwa ta' Malta Gwerriera fl-1886 li kellu jinkiteb Innu għaliha.

Interessanti li l-għażla tal-istatwa u l-għażla tad-data tal-Innu. Dawn saru t-tnejn li huma f'mumenti kruċjali fl-istorja ta' pajjiżna fit-tqanqil ta' moviment patrijottiku.

Jekk immmoru lura fuq l-għażla tal-istatwa naraw kif kienet saret Laqgħa Ġenerali fl-1885 fejn ġiet diskussa l-għażla ta' statwa ġdida.

Kien hemm min ried li ssir statwa ta' Santa Massimilla peress li din il-qaddisa għandha konnessjonijiet mal-martirju ta' Sant'Andrija. Madanakollu l-għażla tal-maġġoranza kienet li ssir statwa ta' Malta Gwerriera peress li kien qed jiġi kkommemorat it-320 sena mir-rebħa tal-Maltin u l-Kavallieri fuq it-Torok.

Fil-bidu tad-dsatax-il seklu, Malta kienet għaddejja minn xewqa ta' aktar drittijiet fit-tmexxija u libertà kostituzzjonali. L-Innu ta' Malta Gwerriera ndaqq għall-ewwel darba fl-1919, propju fis-sena tal-irvellijiet tal-Maltin sabiex jiksbu aktar drittijiet fit-tmexxjia mill-Imperu Ingliż. Forsi għażla mill-kompożitur sabiex b'mod sottili jgħolli leħen il-Ħalluqin sabiex, b'aktar importanza minn snin ta' qabel, tidher Malta rebbieħa fuq il-pedestall tagħha.

Fl-1886 l-istatwa ta' Malta gwerriera kienet lesta minn kollox, bl-istatwa maħduma minn Karlu Darmanin u l-pedestall maħdum minn żewġ membri tas-Soċjetà Gan Patist Cremona u Pietru Zammit. Id-disinn tal-istatwa u tal-pedestall sar ukoll minn membru tas-Soċjetà, l-Perit Andrea Vassallo.

Il-fondi għal din l-istatwa nġabru minn Giacomo Baldacchino u Francesco G. Schembri. Fl-inawgurazzjoni tal-Istatwa l-Banda Sant'Andrija daqqet l-Innu *Al Martire San Andrea Apostolo*, mużika ta' Mro Tommaso Galea.



**Mro Vincenzo Caruana Spiteri (1896-1932)**

## Bijografija

Mro Vincenzo Caruana Spiteri twieled Ħal Luqa nhar l-4 ta' Mejju 1896. Missieru kien Ġużeppi u ommu Karmena neè Spiteri; kien ir-raba' fost ħames aħwa, żewġt ibniet u tliet subien. Ġie mgħammed l-għada minn Dun Flavius Grima, li dak iż-żmien kien il-Kappillan tal-Parroċċa. Wara li spiċċa l-iskola elementari u sekondarja, tal-eżami

tas-*Senior Oxford* u ġie l-ewwel. Miċ-ċertifikati li kellu, u li għadhom jeżistu, nistgħu nikkonkludu li Vincenzo kien bniedem inteliġenti, studjuż, u diliġenti. Dejjem biex ikompli jimxi 'l quddiem fil-karriera tiegħu, kompla jistudja fejn qagħad għall-eżami ta' *Head Teacher.* Din id-darba Vincenzo reġa' ssupera dan l-eżami bl-unuri kollha. Fil-fatt reġa' għadda lil kulhadd. Meta Vincenzo rċieva l-inkarigu ta' *head*, huwa ġie mibgħut jaqdi dmiru fl-iskola ta' Sannat, Għawdex fejn baqa' hemm sa ma miet ħesrem. Dak iż-żmien xejn ma kien faċli li wieħed joqgħod ġej u sejjer Malta; għalhekk, is-surmast Caruana mar jgħix Sannat.

L-ewwel edukazzjoni mużikali li Vincenzo rċieva kienet f'raħal twelidu, Ħal Luqa, meta hu, fl imkien maż-żewġ ħutu subien l-oħra, kienu jmorru l-Każin tal-Banda Sant'Andrija jitgħallmu l-mużika. Huh Gio. Batta kien idoqq il-klarinett u l-vjolin, filwaqt li ħuh Indri kien idoqq il-flawt. Vincenzo ġieli daqq il-klarinett iżda minħabba problema ta' nifs kien idoqq il-vjolin u l-pjanu. Beda jistudja l-armonija u l-kontrapunt għand is-surmast Ġużeppi Abdilla u l-vjolin u l-pjanu għand is-surmast Antonio Pace.

Ta' età żgħira kien diġà Surmast Direttur tal-Orkestra *La Stella* tal-Gudja u kien megħjun minn żagħżugħ ieħor Ħalluqi, Salvatore Azzopardi li kien ħabib kbir tiegħu u soċju wkoll fi ħdan il-Każin tal-Banda Sant'Andrija. Meta kellu jħalli Malta biex imur Għawdex, għadda t-tmexxija ta' din l-orkestra lil Mro Azzopardi. Kien ukoll l-organista fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa.

Għalhekk, meta mar Għawdex, Vincenzo kellu diġà esperjenza tajba u beda jdoqq f'diversi knejjes fosthom dik ta' Sannat. F'Għawdex, Vincenzo kien jagħti daqqa t'id siewja liż-żewġ baned ċittadini Għawdxin, *La Stella* u *Leone*. Huwa kien idoqq il-vjolin prim u għalhekk ġieli dderieġa l-orkestra li waqqaf sieħbu u ħabibu tal-qalb, Mro Giuseppe Giardini Vella. Anki r-rettur tas-seminarju ta' Għawdex ta' dak iż-żmien Mons Guzeppi Pace, talab lis-Surmast Caruana Spiteri biex jibda jgħallem il-kant u l-pjanu lis-seminaristi. Is-Surmast Caruana Spiteri dam jgħix is-Sannat għal madwar tnax-il sena, mis-sena 1921 sa April tas-sena 1932. Matul is-snin is-Sannat gawda bis-sħiħ mit-talent mużikali ta' dan il-moħħ ġenju. Bit-tħabrik tal-Arċipriet Cassar, Mro

Caruana Spiteri mhux biss beda jmexxi l-mużika matul it-tridu tal-festa, imma wkoll lejlietha, filgħodu, il-kant tal-matutin, u nhar il-festa. Dan ikompli jikkonfermawh l-istess kompożizzjonijiet tiegħu li għadhom jindaqqu sal-lum matul jiem il-festa. Għas-Surmast, Ħal Luqa dejjem baqa' raħal twelidu u kien ta' spiss imur hemm iżur lill-familja tiegħu speċjalment fis-sajf. Ta' kull sena, maltemp jew mhux, nhar id-29 ta' Novembru, is-Surmast kien imur Ħal Luqa biex l-għada jiċċelebra l-Festa ta' Sant'Andrija. Is-surmast V. Caruana Spiteri ma komplix jiżviluppa dan il-talent li tant kien iħobb għax miet ħabta u sabta ir-Rabat nhar is-Sibt 16 t'April 1932 fl-għomor ta' 35 sena.



F'reġistru tal-mejtin ta' ċertu Wenzu Muscat, li kien għalliem ma' Caruana Spiteri, insibu miktub hekk: "Fil-funeral, li kien wieħed imponenti u solenni ħadu sehem it-tfal subien u bniet tal-iskola primarja ta' Sannat flimkien mal-għalliema tagħhom, kif ukoll bosta għalliema minn skejjel oħra t'Għawdex. Ħadet sehem ukoll il-Banda La Stella li akkumpanjat il-funeral b'daqq ta' marċi funebri. Kien hemm ukoll rappreżentanza mill-Baned *Leone* u Sant'Andrija ta' Ħal Luqa. Is-Surmast hu midfun fuq iz-zuntier tal-parroċċa ta' Sannat.

Is-Sannatin ma ħallewx lil dan il-benefattur kbir jintesa. Anzi, biżżejjed ngħidu li għandhom triq imsemmija għalih. Il-Kunsill Lokali wkoll waqqaf mafkar f'waħda mill-pjazez prinċipali ta' dan ir-raħal. Dan sar nhar il-Ħadd 23 ta' Frar 2003.

Fid-19 ta' Lulju 2016 sar kunċert korali u orkestrali fil-knisja parrokkjali ta' Sannat bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u tal-Kunsill Lokali ta' Sannat.